MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 797/2002/1

**Raymond Theuma**

**v.**

**Carmen Theuma**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan l-appell huwa dwar il-validita` taz-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fil-11 ta' Dicembru 1987 fil-Knisja tal-Madonna tas-Silg, Marsaxlokk. L-ewwel Qorti (il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja) cahdet it-talba ghall-annnullament b'sentenza tal-24 ta' Frar 2005.

Ic-citazzjoni tghid testwalment hekk:

"Premess illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1987 fil-Knisja tal-Madonna tas-Silg, Marsaxlokk, kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness Dok "A";

"Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga – dan kollu a tenur ta' l-art. 19(d u f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Premess illi ghalhekk iz-zwieg kien null u inattendibbli *(sic!)* u minghajr effett;

"Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Dicembru 1987 kien null u bla effett kif suespost.

"Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni."

Il-konvenuta eccepiet illi t-talba ta' l-attur sabiex iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Dicembru 1987 jigi dikjarat null u bla effett hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur (ara n-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 32).

**Is-sentenza appellata**

B’sentenza tal-24 ta’ Frar 2005, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qatghet il-vertenza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta, cahdet it-talba attrici stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ezaminat id-dottrina u l-gurisprudenza dwar in-nuqqas ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju u s-simulazzjoni, u wara li kkunsidrat:

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Dicembru 1987 u dan wara li kienu ltaqghu fis-sena 1980, u jirrizulta li fl-affidavit estensiv tieghu l-istess attur jallega li l-konvenuta kienet affetta b’difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju peress li hija zzewget mhux ghaliex kienet thobbu, jew ghaliex riedet tqatta’ l-kumplament tal-hajja taghha mieghu f’relazzjoni permanenti u indissolubbli, izda sabiex tehles mil-problemi tal-familja taghha, tant li l-konvenut jghid li l-istess konvenuta kienet adirittura inkapaci li tesegwixxi jew tonora jew adirittura taddata ruhha ghall-obbligi taghha ta’ mara mizzewga u ta’ omm.

“Illi fil-fatt fl-istess affidavit tieghu l-istess attur jallega li l-konvenuta kienet affetta minn problema ta’ xorb alkoholiku, anke qabel iz-zwieg, telqet mid-dar taghha biss ghaliex il-familja taghha kienet tghix fi stat mizeru, u jghid li fil-fatt fiz-zwieg kienet taghmel li fettlilha u baqghet tghix il-hajja taghha ta’ mara xebba.  Dwar dan ukoll hemm ix-xhieda ta’ John Mary Theuma missier l-attur li kwazi jaqbel f’kollox ma’ dak li jghid ibnu.

“illi l-konvenuta min-naha l-ohra b’affidavit estensiv taghha tmerri u tikkontesta dan kollu tant li hija tghid li hija dejjem hadmet ghall-gid tal-familja tant li qabel iz-zwieg hija kienet tghin lill-attur meta kellu grocer, tant li wara x-xoghol taghha hija kienet tmur hdejh biex tghinu. Sahansitra baqghet tahdem wara z-zwieg sakemm kellha seba’ xhur tqala, anke ghaliex l-attur kien spicca bla xoghol.   Tghid pero` li l-problemi bdew meta l-attur beda jahdem mas-Super 1 ghaliex beda jdum ghax-xoghol u fetah *stationery* li l-konvenuta kellha tghin fiha, izda wara xi zmien ma felhitx aktar.  Pero` l-konvenuta tghid li l-attur

xorta baqa' jdum ghax-xoghol fuq attivita` konnessi max-xoghol tieghu mas-Super 1 Television, u hasset ruhha traskurata minn zewgha.  Dan apparti allegazzjonijiet li maz-zmien l-istess attur kellu hbiberija zejda ma' certa Claire Fabri, li ssustiet minkejja li kien ovvju li qed tfixkel ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u wara li saret is-separazzjoni b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta millum is-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef Vincent Degaetano, l-istess attur prezentament ghandu relazzjoni ma' certa Marisa Galea.

"Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma' thossx li l-allegazzjonijiet ta' l-attur fil-konfront ta' martu gew b'xi mod ippruvati, anzi jidher li kull allegazzjoni li ghamel tinsab kontradetta mill-istess konvenuta, u din il-Qorti thoss li *in verita`* l-verzjoni tal-konvenuta hija hafna iktar kredibbli, u dan huwa wkoll kkonfermat mill-fatt li jekk wiehed ihares lejn is-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet **"Carmen Theuma proprio et nomine vs Raymond Theuma"** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta kif inghad fis-16 ta' Settembru 1996, jidher car li l-allegazzjonijiet ta' l-attur dwar il-komportament ta' martu fiz-zwieg huma wkoll differenti minn dak li qed jitkellem dwarhom illum, u iktar sinifikanti ma' hemm xejn fl-istess sentenza li l-konvenuta kienet suggetta ghall-problema ta' alkahol, tant li l-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied giet fdata mill-istess Qorti lill-istess konvenuta u jidher li din is-sitwazzjoni giet ukoll accettata mill-attur.

"Illi li hemm differenti huwa u li dwaru l-attur ma' jsemmi assolutament xejn, huwa li ghandu relazzjoni ma' mara ohra u allura jista' jkun li ghandu bzonn l-annullament ghar-ragunijiet tieghu; izda dan certament ma' huwiex il-mod u lanqas ir-raguni ghaliex ghandha ssir kawza ta' annullament, u din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti, u l-allegazzjonijiet minnu vantati, l-attur ma ghandu lanqas il-minimu ta' prova sabiex l-kawza ta' annullament tirnexxi, almenu fuq il-binarji minnu proposti.  Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda."

## L-appell

L-attur appella minn din is-sentenza. Il-konvenuta appellata rrispondiet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. L-aggravju ta' l-attur appellant huwa bazikament wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi (billi anke naqset li tikkonsidra certi provi) u dan ghar-ragunijiet li jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi l-ewwel Qorti rriferiet ghal premessa inezistenti fic-citazzjoni;
2. Illi l-ewwel Qorti striehet wisq fuq l-affidavit tal-konvenuta;
3. Illi l-ewwel Qorti ghazlet li tirreferi ghas-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet izda ghazlet biss il-partijiet danneggjanti ghall-appellant u ma harsitx lejn il-process ta' dik il-kawza ta' separazzjoni; u
4. Illi fid-dawl tal-provi l-kunsens ta' l-appellata kien tassew vizzjat.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Jibda biex jinghad li dan il-process hu karatterizzat b'faqar ta' provi da parti ta' l-attur appellant. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif parti f'kawza ta' annullament ta' zwieg, meta l-premessi huma ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ta' anomalija psikologika u ta' simulazzjoni, tista' tippretendi li fuq l-affidavit taghha u ta' missierha, u b'semplici allegazzjoni (ankorke` guramentata) li l-konvenuta kellha "problema ta' xorb", u meta hemm ic-cahda kategorika ta' dan min-naha tax-xhieda prodotti mill-kontroparti, tista' tippretendi li tirnexxi fil-prova, anke fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kawzali hekk serji minnha migjuba.
L-appellant jghid[1] illi l-ewwel Qorti qalet[2] li l-attur ppremetta ulterjorment li *"l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll ivizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, senjatament fedeltà jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"* meta premessa bhal dik ma kienitx inkluza fic-citazzjoni. Ghalkemm dan huwa minnu, ma jirrizultax illi

[1] A fol. 87 tal-process, paragrafu 13 tar-rikors ta' l-appell.
[2] A fol. 73 tal-process, it-tielet paragrafu tas-sentenza appellata.

dan l-izball b’xi mod affettwa l-gudizzju ta’ l-ewwel Qorti. Fil-fatt il-paragrafu precedenti tas-sentenza appellata[3] jikkwota korrettement it-tieni premessa fic-citazzjoni odjerna li tghid li *“l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll il-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”.* Huwa fuq din il-premessa, u t-talba konsegwenzjali ghaliha, li l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha u bl-ebda mod ma llimitat il-konsiderazzjonijiet taghha ghall-fedelta` jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg biss.

L-appellant jilmenta wkoll[4] li l-ewwel Qorti strahet wisq fuq l-affidavit tal-konvenuta meta dik il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tara lill-konvenuta tixhed, la in ezami u lanqas in kontro-ezami. Jirrizulta li l-attur appellant kellu l-opportunita` kollha li jaghmel kontro-ezami lill-appellata, kif fil-fatt ghamel quddiem l-Assistent Gudizzjarju nominat mill-ewwel Qorti[5]. L-istess procedura giet segwita fil-kaz ta’ l-appellant innifsu, li xehed bl-affidavit u wara gie kontro-ezaminat quddiem l-Assistent Gudizzjarju[6]. Ma jirrizultax ghalhekk li l-ewwel Qorti naqset b’xi mod fil-konfront ta’ l-appellant meta vvalutat ix-xhieda li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni ta’ l-appellata kienet aktar kredibbli. Jekk l-appellant deherlu illi kien iktar opportun li l-appellata tigi ezaminata u/jew kontro-ezaminata quddiem l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti, huwa seta’ jitlob lill-ewwel Qorti li dan isir -- ma jirrizultax li huwa ghamel tali talba.

L-appellant isostni wkoll[7] li l-ewwel Qorti ghazlet li tirreferi ghas-sentenza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Dicembru 1996[8],

[3] A fol. 73 tal-process, it-tieni paragrafu tas-sena appellata.
[4] A fol. 86 tal-process, paragrafi 5 u 9 tar-rikors ta’ l-appell.
[5] Ara fol. 67 *et seq.* tal-process.
[6] A fol. 70 tal-process.
[7] A fol. 86 tal-process, paragrafi 6 sa 10 tar-rikors ta l-appell.
[8] A fol. 48-60 tal-process.

izda ghazlet biss il-partijiet danneggjanti ghalih u ma harsitx lejn il-process ta’ dik il-kawza ta’ separazzjoni, minn fejn, skond l-appellant, kienu jirrizultaw aktar provi li jsostnu l-allegazzjonijiet tieghu. F’dan ir-rigward, huwa bizzejjed li din il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li f’xi stadju tal-process quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ghamel xi talba sabiex il-process tal-kawza fl-ismijiet *“Carmen Theuma pro et noe v. Raymond Theuma”* (Citazzjoni Numru 128/95 VDG) jigi allegat ma’ l-atti ta’ din l-kawza. Anzi jirrizulta li s-sentenza relattiva ghal dik il-kawza fil-fatt giet ezebita mill-appellata flimkien ma’ l-affidavit taghha. Kif huwa risaput, il-Qorti obbligata tistrieh fuq l-atti li ghandha quddiema, u fuq dawk biss – *quod non est in actis non est in mundo*. Ghalhekk l-argument ta’ l-appellant li l-ewwel Qorti messha ezaminat il-process ta’ separazzjoni ma ghandu ebda validita` ghall-finijiet ta’ dana l-appell.

L-appellant isostni wkoll li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tiddikjara z-zwieg null in forza tas-subparagrafi (d) u (f) ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Huwa jorbot din it-tezi tieghu primarjament mal-problema ta’ l-alkohol li l-appellata allegatament kellha u ghad ghandha, mal-fatt li allegatament hi baqghet tghix hajja ta’ xebba u tohrog fil-bars tixrob, u ulterjorment ghaliex allegatament l-appellata zzewgitu ghall-flus u kellhom jizzewwgu fi zmien tlett xhur minhabba l-pressjoni ta’ l-Awtorità tad-Djar biex ilestu d-dar matrimonjali[9].

Jigi l-ewwelnett enfasizzat illi huwa inkoncepibbli li zwieg jigi dikjarat null minhabba li parti kellha l-kunsens vizzjat kemm taht l-ewwel parti tas-subparagrafu (d) (difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju) kif ukoll taht is-subparagrafu (f) (simulazzjoni) ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, ghaliex ta’ l-ewwel *caput nullitatis* jirreferi ghall-inkapacita` li wiehed jaghti l-kunsens minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, filwaqt li t-tieni *caput nullitatis* jippresupponi li l-parti tant kellha kapacita li taghti dak il-

9 A fol. 87 tal-process, paragrafi 11 u 12 tar-rikors ta’ l-appell.

kunsens li b'att pozittiv tal-volonta` taghha sahansitra issimulat il-kunsens taghha [10].

Issa, il-principji li jirregolaw l-annullament taz-zwieg taht is-subparagrafu (d) kif ukoll taht is-subparagrafu (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 gew ikkunsidrati *in extenso* minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Caroline Grech vs. Ian Borg*** deciza llum stess, u li ghaliha qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni. Fid-dawl tal-provi kollha prodotti, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament minnha ta' dawk l-istess provi. Anzi pjuttost din il-Qorti ittendi li taqbel ma' l-ewwel Qorti fis-sens li ma tarax kif jista' jinghad li dak allegat mill-attur – dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, dwar l-anomalija psikologika serja u dwar is-simulazzjoni – gie sodisfacentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi f'kawzi civili. Minkejja dan, din il-Qorti sejra zzid xi kummenti zghar dwar il-provi, fid-dawl ta' l-aggravji ta' l-appellant.

L-assjem tal-provi ma jaghti ebda sostenn jew jikkorrobora it-tezi ta' l-appellant li wara z-zwieg l-appellata baqghet tghix hajja ta' xebba u tohrog fil-bars tixrob.

L-appellant jinsisti wkoll fuq il-fatt li skond hu l-appellata zzewgitu ghall-flus u jinsisti wkoll li l-partijiet kellhom jizzewgu fi zmien tlett xhur minhabba l-pressjoni ta' l-Awtorita` tad-Djar biex ilestu d-dar matrimonjali. Anke din jista' jinghad li baqghet semplici allegazzjoni. Fl-ewwel lok ma jirrizultax li l-appellant kien xi sinjurun, anzi mill-provi pjuttost jirrizulta li kien ragel li kellu jahdem u jaghmel l-*overtime* biex ir-rota ddur, u hekk ukoll kellha taghmel l-appellata, anki meta kienet tqila. Huwa veru li l-appellata kienet gejja minn familja ta' disat ahwa u missierha dak iz-zmien kellu xoghol ta' *watchman* u b'paragun, il-familja ta' l-attur jista' jkun li kienet aktar "sinjura". Pero` mill-provi prodotti ma tirrizultax dik id-diskrepanza wiesgha fl-istat socjali u finanzjarju taz-zewg familji li wiehed jista' a bazi taghha jghid li l-appellata zzewget lill-appellant "ghall-flus".

[10] Ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-15 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet ***Mario Mizzi v. Maris Mizzi.***

Dwar iz-zwieg bikri, jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom seba' snin gharajjes u kienu hadu plot tal-gvern u huma kienu qed jibnuha bil-mod. Meta l-Awtorita` tad-Djar infurmathom li jekk ma jlestux u jidhlu fil-proprjeta` kienu ser jitilfuha, huma zzewgu fi zmien tlett xhur. L-appellant f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Sandro Darmanin vs. Roberta Darmanin*** (Citazzjoni Numru 188/2000) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003. Il-fatti f'dik il-kawza, pero`, kienu ben differenti u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(a) f'dik il-kawza, ghalkemm il-partijiet kienu ilhom hames snin johorgu flimkien, qatt ma tkellmu dwar zwieg hlief meta tfaccat l-opportunita` li jiehdu b'kera flat tal-Gvern – ghall-kuntrarju fil-kaz prezenti l-gherusija damet seba' snin u l-kontendenti kienu qed johorgu flimkien bi hsieb ta' zwieg;

(b) il-kugin tal-konvenuta f'dik il-kawza kien ser jivvaka flat tal-Gvern u ghalhekk il-partijiet izzewgu fi ftit xhur biex ikunu jistghu jiehduh huma - ghall-kuntrarju fil-kaz prezenti l-partijiet hadu l-plot huma stess u kienu qed jibnuha bil-mod sabiex meta jizzewgu immorru joqoghdu fiha, u kienu diga iffissaw d-data taz-zwieg, ghalkemm jidher li fil-fatt huma izzewgu ftit qabel id-data iffissata;

(c) f'dik il-kawza l-konvenuta riedet ukoll tizzewweg ghax kienet iddejqet tahdem tant li maz-zwieg, bla konsultazzjoni ma' l-attur, waqfet mix-xoghol taghha - ghall-kuntrarju fil-kaz prezenti ma hemm l-ebda allegazzjoni ahseb u ara prova li l-appellata izzewget biex tieqaf tahdem. Ghall-kuntrarju mill-provi jirrizulta li fil-kaz odjern l-appellata kompliet tahdem wara z-zwieg.

Kif diga` inghad, meta tqis il-provi kollha, ma hemm xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti li tghid, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li z-zwieg tal-partijiet kien null minhabba xi wiehed mid-difetti ravvizati fil-paragrafi (d) jew (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu wkoll mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------